



**KOMUNIKAZZJONI DWAR IL-PUBBLIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI
DWAR L-ATTIVITAJIET PROFESSJONALI TA' UFFIĊJALI TA' LIVELL
GĦOLI WARA LI DAWN JITILQU MIS-SERVIZZ
*It-tielet u r-raba' paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal***

Rapport Annwali 2020

1. Qafas regolatorju

Skont l-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal, uffiċjali għandhom, wara li jħallu s-servizz, jibqgħu marbutin mid-dmir li jgħibu ruħhom b'integrità u diskrezzjoni rigward l-aċċettazzjoni ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji. Dawk kollha li kienu uffiċjali u li jkun biĥsiebhom jingaġġaw f'attività ta' okkupazzjoni (professjonali) fi żmien sentejn wara li jtilqu mis-servizz iridu jinfurmaw lil dik li kienet l-istituzzjoni tagħhom, biex din tkun tista' tiddeċiedi dwar jekk għandhiex tipprobixxi din l-attività jew tagħti l-approvazzjoni tagħha (suġġett għal restrizzjonijiet, fejn ikun meħtieġ).

It-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal jistipula li l-Awtorità tal-Ħatra għandha, fil-prinċipju, tipprobixxi lil dawk li kienu uffiċjali ta' livell għoli, milli, matul it-12-il xahar wara li jtilqu mis-servizz, jiżvolġu attività ta' lobbying jew ta' difiża (konsulenza) fil-konfront tal-persunal ta' dik li kienet l-istituzzjoni tagħhom, f'isem il-kumpanija tagħhom, il-klijenti tagħhom jew l-impjegaturi tagħhom, dwar kwistjonijiet li minnhom kienu responsabbli matul l-aħħar 3 snin ta' servizz.

Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal jirrikjedi li, b'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kull istituzzjoni għandha tippubblika l-informazzjoni kull sena dwar l-implimentazzjoni tat-tielet paragrafu, inkluża lista tal-każijiet eżaminati.

Hawn taħt, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tispjega l-kriterji li hija tapplika biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-obbligu tagħha, u tippreżenta l-analiżi tagħha. F'din il-komunikazzjoni, il-Qorti tippreżenta fil-qosor id-deċiżjonijiet relatati li ttieħdu.

Il-Qorti tibbaża d-divulgazzjoni ta' informazzjoni tagħha fuq ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll fuq ir-Regolament (UE) 2018/1725.

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

2. Kriterji applikati għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti tal-Persunal

Definizzjoni ta' uffiċjali ta' livell għoli

F'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-kategoriji ta' persunal ikkonċernati huma dawn li ġejjin:

- Is-Segretarju Ġenerali
- Diretturi
- Konsulenti Speċjali
- Kapijiet tal-Kabinetti tal-Membri²

Perjodu kkonċernat

It-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal jirreferi għal attività esterna eżerċitata minn dawk li kienu uffiċjali ta' livell għoli "matul it-12-il xahar wara li jtilqu mis-servizz".

Għalhekk, dan huwa l-perjodu li għandu jitqies għall-finijiet tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mitluba fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 16.

Attivitajiet professjonali kkonċernati

It-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal jirreferi għal attivitajiet li jikkostitwixxu attività ta' lobbying jew ta' difiża (konsulenza) fil-konfront tal-persunal ta' dik li kienet l-istituzzjoni tal-uffiċjali ta' livell għoli, f'isem il-kumpanija tagħhom, il-klijenti tagħhom jew l-impjegaturi tagħhom, dwar kwistjonijiet li minnhom kienu responsabbli matul l-aħħar tliet snin ta' servizz. Fil-prinċipju, l-Awtorità tal-Ħatra għandha tipprojbixxi dawn l-attivitajiet matul it-12-il xahar wara li dawn ikunu telqu mis-servizz.

Il-Qorti ma tillimitax lilha nfisha li tanalizza biss il-ħatriet li jkunu jnvolvu l-lobbying jew il-konsulenza bħala l-attività ewlenija tagħhom. Fil-kuntest tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal, hija tqis ukoll attivitajiet li, għalkemm fil-mument tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ma jkunux jnvolvu attivitajiet ta' lobbying jew ta' konsulenza, fit-teorija, jistgħu jkunu jnvolvu tali attivitajiet fil-futur.

L-informazzjoni ppreżentata hawn taħt ma tkoprix dikjarazzjonijiet dwar attivitajiet li, min-natura tagħhom, ma jnvolvux attivitajiet ta' lobbying jew ta' konsulenza.

Fuq is-sit web tagħha, ([il-paġna Trasparenza - etika](#)), il-Qorti tippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal, inkluża lista tal-attivitajiet professjonali eżaminati mill-Awtorità tal-Ħatra u l-ismijiet ta' dawk li kienu uffiċjali ta' livell għoli kkonċernati.

Rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal jiġi ppubblikat għall-attivitajiet professjonali li jkunu ġew approvati matul dik is-sena.

² FI-1 ta' Settembru 2017, id-definizzjoni ta' uffiċjali ta' livell għoli ġiet estiża għall-Kapijiet tal-Kabinetti; qabel din id-data dawn ma kinux inklużi.

Proċedura ta' teħid ta' deċiżjoni fir-rigward tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 16

Dikjarazzjonijiet minn dawk li kienu uffiċjali ta' livell għoli dwar attivitajiet professjonali wara li jkunu telqu mill-Qorti jiġu trattati bl-istess mod bħal kull dikjarazzjoni dwar attività professjonali esterna li ssir minn persuni li qabel kienu membri tal-persunal.

Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani, Finanzi u Servizzi Ġenerali jirċievi d-dikjarazzjoni. Jekk ikun hemm il-possibbiltà ta' rabta diretta jew indiretta bejn l-attività u d-dmirijiet ta' dak li kien uffiċjal ta' livell għoli matul l-aħħar tliet snin fil-Qorti, jew bejn din l-attività u x-xogħol ta' dak li kien is-servizz tiegħu jew ix-xogħol tal-Qorti, hija titlob l-opinjoni tas-servizz(i) ta' dak li kien uffiċjal u tas-Servizz Legali. Fejn ikun meħtieġ, jiġi kkonsultat ukoll il-Kumitat Konġunt. L-Awtorità tal-Ħatra tiegħu d-deċiżjoni finali fuq il-bażi ta' dawn id-diversi fehmiet.

Għadd ta' attivitajiet ikkonċernati

B'kont meħud li kull notifika (u għaldaqstant kull deċiżjoni) tista' tirreferi għal diversi attivitajiet, din l-informazzjoni ta' hawn taħt hija ripartita skont l-attività eżaminata, sabiex tingħata stampa ġenerali eżawrjenti.

3. Każijiet speċifiċi

Din il-komunikazzjoni tikkonċerna attivitajiet li ġew iddikjarati, u li sussegwentement twettqu fil-fatt, minn dawk li kienu uffiċjali.

Fl-2019, tliet persuni li kienu uffiċjali ta' livell għoli telqu mill-QEA, u wieħed minnhom iddikjara l-intenzjoni tiegħu li jwettaq attivitajiet professjonali. Peress li dan l-uffiċjal kien telaq mill-Qorti fl-2019, it-talba tiegħu għal awtorizzazzjoni ġiet debitament ippreżentata fi żmien 12-il xahar wara li telaq mis-servizz.

Il-paragrafi li ġejjin jelenkaw id-dettalji tat-tliet eks uffiċjali għoljin u l-attività li wieħed minnhom iddikjara.

Tmiem is-servizz: 31.5.2020

Eks uffiċjal

Eduardo RUIZ GARCÍA

Eks Segretarju Ġenerali tal-QEA (grad AD 16)

Attività ġdida

Koordinatur tal-programm ta' taħriġ – L-Università ta' Kastilja-La Mancha – Spanja, Membru tal-Bord Konsultattiv – il-Fondazzjoni FIASEP, Spanja, Maniġer Appoġġ Bilaterali – Inizjattiva għall-Iżvilupp INTOSAI, in-Norveġja

Deċiżjoni

Peress li l-attivitajiet professjonali ddikjarati ma kinux jinvolvu attivitajiet ta' lobbying jew ta' konsulenza fil-konfront tal-persunal tal-Qorti, l-Awtorità tal-Ħatra ddeċidiet li ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn kellha tipprobjixxi jew tillimita t-twettiq tagħhom skont l-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Tmiem is-servizz: 31.12.2020

Eks uffiċjal

Philippe FROIDURE

Eks Direttur tal-Awla III – Azzjoni Esterna, Sigurtà u Ġustizzja, eks Segretarju Ġenerali ad interim tal-QEA

Attività ġdida

M/A

Deċiżjoni

M/A